Featured article




# L-Internet u d-Demokrazija

by Dr Jean Buttigieg

Id-demokrazija hija mod ta' kif nagħmlu l-politika li tirrispetta l-liberta' tal-espressjoni ta' kull individwu u tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tmexxija tal-pajjiż. L-Internet huwa, bla dubju ta' xejn, mezz qawwi kif dawn iż-żewġ miri tad-demokrazija jistgħu jintlaħqu.

Izda, sfortunatament, minn numru ta- studji li saru, jirrizulta li t-tip ta' diskussjoni politika li qegħda ssir fuq l-Internet hija 'l-bogħod ħafna minn dik li Jurgen Habermas kiteb fuqha fil-ktieb tiegħu, '*The Structural Transformation of the Public Sphere*,' fil-1962. Għal Habermas, diskussjoni politika rażżjonali trid tkun imfassla fuq żewġ valuri ewlenin li huma l-ugwaljanza u r-rispett reċiproku. Ta' spiss, wiehed jew l-ieħor minn dawn il-valuri huma neqsin.

Eċċezzjoni għal dan huwa s-sit elettroniku tal-Kummissjoni Ewropea, *Futurum* li ġie mwaqqaf fil-2001. Dan is-sit jipprovdi opportunita' biex iċ-ċittadini jesprimu l-opinjoni tagħhom fuq dak kollu li għandu x'jaqsam mall-Ewropa. Fost uħud mir-raġunijiet għas-suċċess ta' dan is-sit elettroniku huwa l-mod kif ġie iddiżinjat s-sit u l-ingaġġ ta' nies li kellhom għal qalbhom it-temi diskussi.

Dan ifisser li l-potenzjal tal-Internet biex ikun mezz ewlieni għad-diskussjoni politika u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini hemm qiegħed – li hemm bżonn huwa li nedukaw in-nies jagħmlu użu aħjar ta- dan il-mezz uniku ta' kommunikazzjoni li jippermettilek tagħti l-kontribut tiegħek b' mod dirett, ħaġa li qabel l-invenzjoni tal-Internet, ma kienitx possibli.

Cass Sunstein, fil-ktieb tiegħu, *Republic.com* tal-2009, jagħmel kumment interessanti fuq id-drawwa li daħlet li nippersonalizzaw l-informazzjoni li nirċievu fuq il-kompjuter tagħna tali mod li mexxjin għal sitwazzjoni fejn ma jibqgħux aktar 'esperjenzi komuni' li bħala membri tas-soċjeta' ssoltu ngħixuhom flimkien. Jagħti l-ezempju tal-aħbarijiet u jimmaġina sitwazzjoni fejn kullħadd jibda' jirċievi aħbarijiet fuq dak biss li jkun għazel hu li jirċievi – jekk inħobb il-futbol, nirċievi biss aħbarijiet fuq il-futbol u jekk inħobb il-festi, nirċievi biss aħbarijiet fuq il-festi! Il-personalizzazzjoni tal-Internet hija,għal Sunstein, theddida kbira għad-demokrazija ghax iġġib fix-xejn dawk l-esperjenzi komuni li għandhom rwol importanti ħafna f-soċjeta' demokratika.

Mill-banda l-oħra, Manuel Castells, fil-ktieb tiegħu, *Networks of Outrage and Hope: Social Movements in the Internet Age*,- tal-2012, juri kemm l-Internet kellu rwol importanti fil-ġlieda għad-demokrazija ta' numru ta' pajjizi għarab, fosthom it-Tunezija u l-Eġittu. Bħala mezz ta' kommunikazzjoni, l-Internet għin biex dawk li kienu qegħdin jipprotestaw, setgħu jwasslu l-messaġġ tagħhom fil-ġlieda għad-demokrazija lil kull min kellu aċċess għall-Internet, ġewwa u barra l-pajjiz. Hemm vlog interessanti ħafna fuq *Youtube* li juri l-effett uniku tal-Internet. Dan il-vlog jismu, *Asmaa Mahfouz and the vlog that helped spark the revolution in Egypt.*

*This short article was submitted by **Dr Jean Buttigieg** following his talk at Philosophy Sharing's monthly public meeting held on 6 August 2014.*